



30.05.2012

AVVIŻ LILL-MEMBRI

Suġġett: Petizzjoni 0338/2010, imressqa minn T.F.T., ta' ċittadinanza Spanjola, f'isem il-'Plataforma por la defensa de los valles verdes', dwar faċilitajiet ta' ġbir tal-ilma u tħaffir ta' bjar fi 'Sierra de Cazorla', park tal-annimali selvaġġi f'Segura y las Villas, Jaén

1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonanti wrew tħassib dwar l-impatt negattiv, fuq l-ilma tal-pjan fil-park naturali ta' Sierra de Cazorla, tat-tħaffir ta' bjar fil-qafas tal-proġett tat-tisqija fuq skala wiesgħa, għall-qligħ privat, ta' 654 ettaru ta' msaġar taż-żebbuġ, li qed jiġi ppjanat mill-assoċjazzjoni għat-tisqija ta' Beas del Segura. Il-bjar qed jitħaffru f'post iddikjarat żona protetta għall-annimali selvaġġi mill-Gvern Andalusjan fl-1986 u nnominat bħala Riżerva Bijosferika mill-UNESCO. Il-petizzjonanti jsostnu li qed jinkisru kemm il-leġiżlazzjoni Komunitarja, inklużi d-Direttiva tal-Habitats (peress li s-sit SCI ES 0000035 jifforma parti min-netwerk Natura 2000) u d-Direttiva 79/409/KEE (peress li dik iż-żona hija żona ta' protezzjoni speċjali tal-ġhasafar) kif ukoll il-leġiżlazzjoni nazzjonali, inklużi l-Pjan Idroloġiku għall-Guadalquivir u l-pjan ta' ġestjoni tal-park tal-annimali selvaġġi ta' Sierra de Cazorla.

2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fl-1 Lulju 2010. Il-Kummissjoni intalbet tagħti informazzjoni (Artikolu 202(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fit-13 ta' Jannar 2011.

Il-petizzjoni titratta l-approvazzjoni ta' proġett tat-tisqija ta' 654 ettaru fil-provinċja ta' Jaén b'ilma li ġej mill-Park Naturali ta' Sierras de Cazorla, f'Segura y las Villas. Skont il-petizzjonanti, l-impatt tal-ġbir tal-ilma minn riżorsi idroloġiċi tal-Park Naturali, li huwa wkoll sit tan-Natura 2000, ma ġiex evalwat b'mod adegwat. L-impatt tal-faċilitajiet l-oħra li

jakkumpanjawn u li jridu jinbnew fi ħdan il-konfini tas-sit (kejbils tal-elettriku fl-arja) lanqas ma ġew evalwati kif suppost. Il-petizzjonanti jgħidu li d-dispożizzjonijiet tal-leġislazzjoni ambjentali Ewropea: id-Direttiva tal-Ħabitats 92/43/KE¹, id-Direttiva dwar l-Għasafar 2009/147/KE² u d-Direttiva Qafas dwar l-Ilma 2000/60/KE³ ma ġewx rispettati.

Il-kummenti tal-Kummissjoni dwar il-petizzjoni

Is-sit ES0000035, “Sierras de Cazorla Segura y las Villas”, intgħażel bħala żona ta' importanza Komunitarja skont id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Ħabitats u bħala żona ta' protezzjoni speċjali skont id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar l-Għasafar. Id-Direttiva tal-Ħabitats titlob (Artikoli 6.3 u 6.4) li kull proġett li aktarx ikollu impatt negattiv fuq siti bħal dawn għandu jiġi soġġett għal stima. Fid-dawl tal-konklużjonijiet tal-evalwazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jaqblu ma' tali pjan biss wara li jiġi żgurat li mhux se jkollu effett negattiv fuq l-integrità tas-sit. Id-dispożizzjonijiet li jinsabu fl-Artikolu 6(4) tad-Direttiva tal-Ħabitats 92/43/KEE jikkostitwixxu forma ta' sistema ta' derogi, fejn jiġu stabbiliti ċ-ċirkustanzi li fihom il-pjanijiet u l-proġetti li jkollhom effetti negattivi jistgħu jew ma jistgħux jiġu permessi.

Skont l-informazzjoni disponibbli, l-istima tal-impatt ambjentali ta' dan il-proġett ma turix li saret stima adegwata tal-impatt tiegħu fuq il-valuri ekoloġiċi li wasslu għall-għażla ta' dan is-sit.

Konklużjonijiet

Għaldaqstant, il-Kummissjoni ser tikkuntattja lill-awtoritajiet Spanjoli biex tevalwa jekk ġewx rispettati d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Ħabitats u d-Direttiva Qafas dwar l-Ilma.

4. Risposta tal-Kummissjoni (REV) , li waslet fis-6 ta' Settembru 2011.

Il-Kummissjoni talbet lill-awtoritajiet Spanjoli jipprovdu informazzjoni dettaljata dwar l-evalwazzjoni tal-impatt tal-għbir tar-riżorsi tal-ilma kif ukoll dwar l-impatt tal-faċilitajiet relatati (li se jinbnew fis-sit stess, bħala linja tal-enerġija fl-arja).

L-eżami tat-tweġiba ta' Spanja, madankollu wassal għal mistoqsijiet ġodda u l-ħtieġa għal iktar informazzjoni rigward il-konformità tal-valutazzjoni li twettqet bid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Ħabitats.

Konsegwentement, il-Kummissjoni talbet iktar informazzjoni dettaljata mill-awtoritajiet Spanjoli.

5. Risposta tal-Kummissjoni (REV II), li waslet fis-27 ta' Jannar 2012.

¹ ĠU L 206, 22.7.1992

² Id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi. ĠU L 20/7, 26.1.2010

³ Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma. ĠU L 327, 22.12.2000.

Il-Kummissjoni talbet lill-awtoritajiet Spanjoli darbtejn għal informazzjoni dettaljata dwar l-evalwazzjoni tal-impatti tal-ġbir tal-ilma minn riżorsi idroloġiċi tas-sit ta' importanza Komunitarja (SCI) u ż-żona ta' protezzjoni speċjali (SPA) ES0000035 "Sierras de Cazorla Segura y las Villas". Rigward id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 92/43/KEE¹ (id-Direttiva tal-Habitats) l-informazzjoni li waslet ma weġbitx ċerti punti u l-Kummissjoni talbet, għal darba oħra, lill-awtoritajiet Spanjoli biex jipprovdu risposta.

Rigward l-applikazzjoni tad-Direttiva dwar Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali (EIA)², għandu jiġi enfasizzat li dan il-proġett kien suġġett għal proċedura EIA. Is-servizzi tal-Kummissjoni eżaminaw l-informazzjoni addizzjonali pprovduta mill-petizzjonant dwar din il-kwistjoni u talbu wkoll ċerti kjarifiki mill-awtoritajiet Spanjoli f'dan ir-rigward.

L-informazzjoni provduta mill-awtoritajiet Spanjoli turi li mhu mistenni l-ebda deterjorament tal-qagħda tal-ilma ta' taħt l-art. F'dan ir-rigward, l-aktar rapport rilevanti li ħareġ mill-Uffiċċju tal-Ippjanar tal-Awtorità tal-Baċin tax-Xmara Guadalquivir jiddikjara li l-estrazzjoni awtorizzata għat-tlitt ibjar (450.000 m³/sena) hija vera f'it meta mqabbla mar-riżorsi disponibbli (70 Hm³/sena). L-estrazzjoni annwali tal-ilma hija stmata li tlaħħaq għal 22.7 Hm³/sena. Skont l-informazzjoni provduta mill-ministru reġjonali tal-ambjent, ir-riżorsi idroloġiċi bdew jiġu mmonitorjati wara li saru r-rakkomandazzjonijiet tal-Istitut Ġeoloġiku u tat-Tħaffir Spanjol.

Fir-rigward tal-ksur allegat tal-liġi tal-UE dwar ir-responsabbiltà ambjentali³, skont l-Artikolu 12 tad-Direttiva dwar ir-Responsabbiltà Ambjentali, persuna fiżika jew ġuridika li jkollha biżżejjed interess fit-teħid tad-deċiżjonijiet ambjentali rigward id-dannu [inklużi organizzazzjonijiet mhux governattivi li xogħolhom huwa l-ħarsien ambjentali u s-sodisfar tar-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni] tista' tressaq quddiem l-awtorità kompetenti⁴ kwalunkwe osservazzjoni relatata ma' sitwazzjonijiet ta' dannu ambjentali jew theddid imminenti ta' tali dannu li tkun konxja minnhom u tista' titlob lill-awtorità kompetenti biex tieħu azzjoni skont din id-direttiva.

Barra minn hekk, din id-direttiva tgħid li l-Istati Membri għandhom jiddeterminaw x'jikkostitwixxi interess suffiċjenti u indeboliment ta' dritt.

It-talba għal azzjoni għandha tinkludi l-informazzjoni rilevanti kollha u d-data li tappoġġja l-osservazzjonijiet imressqa fir-rigward tad-dannu ambjentali msemmi, li turi b'mod persważiv li jeżisti d-dannu ambjentali. L-awtorità kompetenti tista' tqis dawn il-kummenti u t-talbiet għal azzjoni, filwaqt li l-operatur ikkonċernat jingħata l-opportunità li jwassal l-opinjonijiet

¹ Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE, tal-21 ta' Mejju 1992, dwar il-konservazzjoni ta' l-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa. ĠU. L 206 tat- 22.07.1992.

² Id-Direttiva 85/337/KEE (ĠU L 175, 05.07.1985) kif emendata mid-Direttiva 97/11/KE (ĠU L 073, 14.03.1997), id-Direttiva 2003/35/KE (ĠU L 156, 25.06.2003) u d-Direttiva 2009/31/KE (ĠU L 140, 05.06.2009).

³ Id-Direttiva 2004/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar ir-responsabbiltà ambjentali f'dak li għandu x'jaqsam mal-prevenzjoni u r-rimedju għal danni ambjentali. ĠU L 143 , 30/04/2004 P. 0056 - 0075.

⁴ Skont l-Artikolu 11.1 tad-Direttiva 2004/35/KE, "*L-Istati Membri għandhom jinnominaw l-awtorità/awtoritajiet kompetenti responsabbli biex taderixxi/jaderixxu mad-doveri previsti f'din id-Direttiva.*"

tiegħu dwar it-talba għal azzjoni u l-osservazzjonijiet li jakkumpanjawha. L-awtorità kompetenti trid sussegwentement tinforma lill-persuni kkonċernati bid-deċiżjoni tagħha li tilqa' jew tirrifjuta t-talba, u r-raġunijiet għalih din id-deċiżjoni.

Ta' min wieħed jinnota li, skont l-Artikolu 13 tad-Direttiva, il-persuni kkonċernati għandhom aċċess għal qorti jew korp pubbliku indipendenti jew imparzjali ieħor kompetenti biex jirrevedi l-legalità proċedurali u sostantiva tad-deċiżjonijiet, tal-azzjonijiet jew in-nuqqas ta' azzjoni tal-awtorità kompetenti skont din id-direttiva. Dan kollu mingħajr ħsara għal kwalunkwe dispożizzjoni tal-liġi nazzjonali li tirregola l-aċċess għall-ġustizzja u dawk li li jobligaw li l-proċeduri ta' rieżami amministrattivi kollha jintużaw qabel ma jkun hemm rikors għall-proċedimenti ġuridiċi.

Madankollu, l-informazzjoni addizzjonali pprovduta mill-petizzjonant f'Settembru 2011 ma spjegatx kif huwa uża l-mekkaniżmi tad-Direttiva 2004/35/KE provduti għal dan l-għan. Taħt dawn iċ-ċirkustanzi, il-Kummissjoni mhijiex f'pożizzjoni li ssegwi ulterjorment is-suġġett tat-talba tiegħu fir-rigward tal-ksur allegat tad-direttiva dwar ir-responsabbiltà ambjentali.

6. Risposta tal-Kummissjoni REV, li waslet fit-30 ta' Mejju 2012

Fi tliet okkażjonijiet intalbet informazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti fir-rigward tal-valutazzjoni tal-impatt potenzjali li l-proġett jista' jikkawża fuq is-sit ta' importanza Komunitarja (SCI) u ta' żona ta' protezzjoni speċjali (SPA) ES0000035 "Sierras de Cazorla Segura y las Villas u li tikkonċerna l-identifikazzjoni tal-impatt tal-ġbir tal-ilma fl-akwiferi tas-SCI.

It-tweġibiet mogħtija mill-awtoritajiet Spanjoli naqsu milli jiċċaraw it-tħassib eżistenti dwar in-nuqqas ta' valutazzjoni xierqa fuq l-effetti negattivi tal-proġett tan-netwerk ta' Natura 2000. Barra minn hekk, l-informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet Spanjoli tidher li qed tammetti li l-ġbir tal-ilma diġà kkawża xi effetti negattivi fuq is-SCI u is-SPA. Il-Kummissjoni għandha wkoll it-tħassib tagħha dwar ir-rekwiżiti tad-dikjarazzjoni tal-impatt ambjentali li setgħet ma kenitx implimentata u sorveljata b'mod xieraq. Għalhekk, il-Kummissjoni qed tikkunsidra li tiftaħ każ ta' ksur fir-rigward tal-impatt tal-proġett tan-netwerk ta' Natura 2000.